# L-EVOLUZZJONI

**George Ebejer**

Xi evoluzzjonisti qegħdin jippruvaw jingannaw lin-nies billi jgħidulhom lit-teorija ta' l-evoluzzjoni llum ġiet aċċettata kważi minn kulħadd. Dan mhux minnu, anzi, għal kuntrarju, din it-teorija ħafna xjenzati llum qegħdin iwarrbuha u saħansitra ħafna minn dak li kiteb Charles Darwin illum jinsab kollu fuq l-ixkaffa. Kif jgħidu tajjeb l-evoluzzjonisti li l-evoluzzjoni hija biss *teorija*.

X'inhi l-evoluzzjoni? Xi wħud jagħmlu lista bħall-bram, ħut, annimali li jreddgħu, eċċ. Għal xi wħud l-evoluzzjoni tfisser "żvilupp" jew "proċess" u huma jsemmulek bħala prova ta' l-evoluzzjoni li għadha qed issir illum billi jsemmu ż-żrinġ u wkoll it-tarbija kif tibda f'ġuf ommha! Dak huwa proċess jew żvilupp tal-ħajja u mhux evoluzzjoni. Evoluzzjoni hija bidla totali, jiġifieri, minn ħuta ssir għasfur, eċċ. Issa ħalli nispjega ftit filqosor dwar dan.

Meta wieħed jipprova (kif jagħmlu xi wħud) jagħmel ipotesi jew ifisser l-evoluzzjoni tal-bniedem minn brama jew amoeba tqum problema kbira dwar kif int tagħmel bidliet drastiċi bħal dawn. Huwa possibbli li permezz ta' mutazzjoni ġenetika aħna nistgħu nispjegaw bidla kbira bħal din? Huwa raġjunevoli li nissuġġerixxu li mixja bl-addoċċ ġenetika tista' takkonta għal dawn il-bidliet kollha? Suppost, bħala eżempju, li mutazzjoni saret f'rettili li kkawżatu li jsir annimal li kellu metaboliżmu bażiku ta' demm sħun minflok demm kiesaħ.

Din hija għal kollox assunzjoni, speċjlament meta wieħed jirrealizza n-numru kbir ta' bidliet meħtieġa; imma ħalli aħna nassumu dan għall-mudell tagħna. Jista' hu jeżisti wkoll b'din il-problema solvuta? It-tweġiba hija le, ma jistax. Rettili m'għandux dijaframma fis-sistema tiegħu tal-pulmun u għalhekk ma jkunx jista' jossiġena sewwa d-demm. Jekk tassumi li dik il-problema xi ħadd ħa ħsiebha wkoll, int għandek problema oħra, li hija l-qalb tar-rettili mhix effiċjenti biżżejjed biex tiċċirkola sewwa d-demm. Int ikollok tipproduċi ħajt diviżorju fil-ventikolu tal-qalb ħalli jkollok dil-parti tas-sistema topera. Imma wkoll b'dan kollu int għadek ma ħadtx ħsieb tal-problemi, għaliex issa jkollok telf kbir ta' sħana mill-annimal billi s-sistema tar-rettili hija ddisinjata biex tibdel is-sħana ma' l-ambjent tagħna.

Li jkollok kisja ta' xahar ta' qtugħ jew iżolazzjoni u bidla tal-ġilda ħalli jippermettu dan, jipproduċu sett ieħor ta' problemi. Fil-qosor, int ikollok li tkun trid dawn il-bidliet kollha flimkien ma' numru ieħor kbir li jsiru simultanjament fl-annimal. L-annimal ma setax kien imkaxkar għall-

kondizzjoni bħal din, għax il-bidliet li huma nvoluti tul it-triq ikunu letali u qerrieda għal l-annimal.

Xi wħud jipppruvaw biex jelliminaw dil-problema billi jitkellmu dwar "skips" fl-istorja ġenetika. Il-proposta hi, li matul perjodu ta' żmien meta l-livell tar-radjazzjoni kien għoli ħafna fid-dinja dawn il-bidliet kollha ġraw u flok li marru minn ċorom ta' rettili l-ħajja ta' l-annimal qabżet jew għaddiet minn forom tar-rettili għall-forom ta' annimali li jreddgħu. Dan hu msejjaħ "quantum evolution," jew "punctuated equilibrium."

Suġġeriment bħal dan huwa għal kollox kuntrarju għan-natura ta' mutazzjonijiet ġenetiċi. Hubert Muller, il-ġenetist li rebaħ il-Premju Nobel, qal, "Għall kull fehma u skopijiet mija fil-mija tal-mutazzjonijiet ġenetiċi kollha jitħassru" (Time Magazine). Dak li dan ifisser huwa, li mutazzjonijiet min-natura tagħhom stess huma aġenti qerrieda. Huma għandhom it-tendenza li jagħmlu l-ħsara lill-organiżmi li fihom dawn jiġru. Nistaqsi jien: kemm int rajt nies li ngħataw vantaġġ fuq sħabhom minħabba mutazzjonijiet ġenetiċi li huma kellhom? Ħafna li jaħdmu ma' tfal ritardati jafu li l-kawża tal-ħsara li dawn it-tfal għandhom hija minħabba mutazzjonijiet ġenetiċi. Qatt ma kien hemm osservat xi organu ġdid li kien iffurmat permezz tal-mutazzjonijiet. L-uniku mod li mutazzjoni tista' tkun ta' benefiċċju għall-annimali huwa li tneħħi l-fattur li jagħmel il-ħsara: li tagħmel l-annimal iżgħar, billi tinfluwenza mod negattiv dawk il-parametri ġenetiċi li jistgħu jagħmluh kbir; li tagħmel l-annimal ċertu kulur, billi titfa' 'l barra dak l-indirizz fid-DNA li jista' jagħmlu ta' kulur ieħor, eċċ. Li tissuġġerixxi li numru kbir ta' mutazzjonijiet jista' jiġru simultanjament, li dawn kollha jibbenefikaw l-organiżu u jmexxuh 'l isfel għal annimal avvanzat radikalment mhuwiex konsistenti mal-mod li fih jaħdmu l-mutazzjonijiet. Li tissuġġerixxi li tkarkira ġenetika tista' takkonta għall-bidliet li dwarhom qegħdin nitkellmu jkun li tirrifjuta li tagħraf l-influwenza tas-selezzjoni naturali.

Jiena nipproponi li waqt li mutazzjonijiet ġenetiċi jitkellmu b'mod espressiv ħafna dwar id-disinn mibni fin-natura biex b'hekk organiżmi jkunu jistgħu jinbidlu ħalli jilqgħu l-bidliet ambjentali tagħhom, f'ċerti limiti, dawn ma joffrux spjega tajba tal-mekkaniżmu ta' bidliet kbar bejn rettili u annimali li jreddgħu.

Hemm wisq u wisq aktar x'wieħed igħid dwar dan, imma nittama li dan għandu jkun ta' għajnuna għal dawk kollha li jemmnu fl-evoluzzjoni mingħajr lanqas biss ma jkunu jafu l-verità dwar dawn il-fatti u mhux teoriji! Nittama wkoll li ma nkunux ħfief biex naċċettaw teoriji foloz u bla sens. It-takkont ta' Ġenesi kien aċċettat mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu bħala li kien letterali. (ara Mattew 19:4-6; 24:37-39; Ġwanni 8:44; eċċ.),

kif ukoll mill-appostli Tiegħu u l-kittieba l-oħra tal-Bibbja Mqadd-sa (ara Luqa 3:23-28; Rumani 5:12, 14; 1 Korintin 11:8-9; 15:22, 45-48; 2 Korintin 11:3; 2 Pietru 3:3-7; eċċ.)

Hija ħasra kbira li l-virus ta' l-evoluzzjoni nfetta saħansitra lill-Knisja Kattolika Rumana u oħrajn. Sfortunatament, il-Knisja Kattolika Rumana ċediet u aċċettat it-teorija ta' l-evoluzzjoni ukoll għalkemm ma' Alla ma jista' jsir l-ebda kompromess. Thomas Huxley darba qal:

> "Id-dottrina ta' l-evoluzzjoni, jekk aċċettata konsistenta-ment, tagħmilha impossibbli li temmen fil-Bibbja."

G. Richard Culp, qal:

> "Aħna nieqfu hawn ma' Alla u mat-tagħlim Tiegħu tal-Kreazzjonim jew nieqfu ma' l-evoluzzjonist f'oppożizzjoni Għalih (għal Alla). Il-punti huma ċari ħafna; ma jista' jkun hemm ebda kompromess: jew int Kristjan jew evoluzzjonist; ma tistax tkun it-tnejn."

Għall-mexxejja tal-Knisja Kattolika Rumana, iżda, li tkun evoluzzjonist ma jimporta xejn! Dan huwa żball u dnub kbir kontra l-Ħallieq!

It-teorija evoluzzjonarja attwalment għandha jkollha tnejn min-nies li qegħdin jevolvu fl-istess ħin u jevovlu bħala sessi differenti. Dan japplika wkoll għal eluf ta' eluf ta' speċi differenti li jeżistu fid-dinja, annimali, ħut, tjur, u nsetti!!!

Il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa tagħtina din it-twissija:

> "*Ħa jkun jaf kulħadd li Alla hu sinċier u kull bniedem giddieb….*" (Rumani 3:4).
>
> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8).

Għal aktar informazzjoi ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10
e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churchofchristmalta.com